# TWELID U MAGĦMUDIJA F'ĊIPRU

Minn awl id-dinja l-misterju tat-tnissil tal-ħajja dejjem għaġġeb il-bniedem u ġiegħlu jaħseb u juri lejh qima kbira. In-nies tal-qedem kienu jżommu li t-tnissil hija xi ħaġa tassema, u kienu jġarrbu li jifhmuh u jieħdu sehem fih b'għemejjel tas-ħarijiet jew tad-djiena. Dawn il-għemejjel saru drawwiet u baqgħu jsiru, b'xi tibdil, sa żmienna, billi ġens jgħallimhom lil ġens ieħor li jiġi warajh. Kull nisel u ġens ibiddel, iżid jew inaqqas, biex id-drawwa titqabbel mal-pajjiż, maż-żmien u mad-din tan-nies li jħarsuha.

Sal-lum, fir-rħula ta' Ċipru għad baqa' ħafna fdal minn dawn id-drawwiet qodma u n-nies ta 'hemm għadha tħarishom u temmen bihom bla ma tifhimhom, bħal ma jagħmlu t-tfal iżżgħar. Ngħidu xi ħaġa minn dawn id-drawwiet, għax ta' min ikun jafhom, u f'Malta wkoll għad baqa' fdal ta' drawwiet jixbħuhom.

Meta mara tkun sa jkollha tarbija, toqgħod b'sebgħa għajnejn li ma tmiss ma' l-ebda xorta ta' bhima jew ħaġa għariba, għax jaħsbu li t-tarbija li titwieled tkun tixbah lil dik il-bhima jew ħaġa għariba li l-omm tkun messet magħha. Bħall-kieku, jekk omm tara serp, jew xadin, tagħmel salib fuq żaqqha b'subgħajha l-ħehem u tgħid: "Panajia mu, katalijie ton kakôn", jiġifieri: "Madonna tiegħi, eqred il-ħażin". Jemmnu wkoll li jekk mara li tkun sa jkollha tarbija tixtieq tiekol jew tixrob xi ħaġa u ma tkunx tista', jekk dak il-ħin tħokk x'imkien minn ġisimha, it-tarbija meta titwieled, ikollha xi ħaġa tixbah lil dak li xtaqet ommha, f'ġisimha, sewwa sew fejn ħakket l-omm.

Waqt il-ħlas, il--qraba ta' l-omm, li jmorru għandha, għal li jista' jinqala', jixegħlu tliet xemgħat fuq daħar ta' siġġu u jibdew isejħu lill-Madonna u lill-Qaddisin, bla ma jaqtgħu (donnhom qegħdin igħidu litanija) biex jiġu jgħinu lil dik l-omm fit-tiġrib tagħha. Malli t-tifel jitwieled, iroxxuh kollu kemm hu bil-melħ irqiq, biex meta jikber, ġismu jfiq malajr u ma jkunx dieni. Il-melħ jingħata lill-qabla minn idejn xi ħadd mill-qraba li jkun imgħoddi ta' bil-għaqal, biex it-tifel, meta jikber, ikun bil-għaqal ukoll, jixbah lilu. Imbagħad iġibu qmis ta' xi ħadd mill-qraba li jkun raġel tajjeb, jagħmlu toqba fiha bil-ħruq ta' xemgħa, ilibbsuha lit-tarbija kif tkun bil-melħ b'kollox, u jħalluha hekk bla ma jaħsluha għal xi jum jew jumejn, kif tkun l-arja, riħ fuq jew riħ isfel.

Meta jasal iż-żmien biex jaħslu t-tarbija, fl-ilma li jkunu sa jaħsluha fih, jixħtu seba' lewżiet, li mbagħad jerfgħuhom saż-żmien li fih it-tifel ikollu s-snien biex jiekolhom. Xi drabi s-seba' lewżiet jiżirgħuhom b'isem it-tifel. Mill-jum li jitwieled it-tifel sat-tielet jum, ma jitneħħiex minn ma' ġenb ommu, fi friex wieħed. Fis-seba' jum wara t-twelid, jagħmlu għmila li jgħidulha: "Il-għeliema tas-Salib". U f'dak il-jum, tiġi l-qabla, u tqajjem lill-omm mill-friex u tmexxiha minn kamra għal kamra, bil-qraba ta' l-omm jimxu warajha. F'kull kamra li tidħol, tagħmel salib bin-nora fuq kull wieħed mill-erba' ħitan, u tgħidlu: "L-għodwa t-tajba, ja ħajt dari! Bħal ma jien qatt ma għamiltlek ħsara, hekk int ukoll la tagħmelx ħsara lil ibni!"

Meta jaslu ħdejn il-bieb ta' barra, jiftħuh u joqogħdu jħarsu 'l barra. Lill-ewwel bniedem li jgħaddi minn

hemm, jagħtuh ħbejża. U jekk dan il-bniedem ikun mara, jemmnu li l-ewwel tarbija oħra li jkollha l-omm tkun tifla; jekk ikun raġel, jemmnu li jkun tifel. Wara t-tberik tal-ħitan, is-sir ikla, għall-qraba ta' l-omm u l-qabla.

Matul is-sebat ijiem qabel it-tberik tal-ħitan, l-omm ma titħalla qatt weħedha, għax jibżgħu li jiġu l-ħorsien nisa u jekk isibuha weħedha jagħmlu xi ħsara, liha jew lit-tarbija.

Għal erbgħin jum wara l-ħlas, l-omm tkun magħduda bħal imniġġsa, u ma tistax tidħol fi knisja.

Jekk it-tarbija tkun qawwija u sħiħa, ma jgħammduhiex qabel erbgħin jum fuq it-twelid. Il-magħmudija ssir fil-knisja, u l-parrinu jrid jieħu ħsieb ta' kollox. Fil-magħmudija l-omm trid tibqa' d-dar u t-tarbija tkun meħuda l-knisja jew mill-qabla jew minn xi ħadd li jkun qarib sewwa ta' l-omm. l-parrin, miexi mal-qassis, jidħol fil-knisja u jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-qassis f'isem it-tifel. Il-qassis isaqsih: "Tiċħdu lix-xitan?" U l-parrinu jwieġbu: "Iva, niċħdu". Il-qassis jgħidlu: "Mela, obżoqlu f'wiċċu!" U l-parrinu għalhekk jobżoq fl-art, fil-knisja, tliet darbiet wara xulxin. Waqt il-magħmudija, il-parrinu u l-qabla jżommu xemgħa mixgħula f'idejhom. Il-magħmudija ssir billi l-qassis jaqbad lit-tifel b'idejh it-tnejn u jgħaddsu fl-ilma ġismu kollu, tliet darbiet. Imbagħad jidilkuh biż-żejt li jkun miġjub minn għand il-Patrijarka ta' Kostantinopli. Il-parrinu għandu wkoll iwiegħed li jieħu ħsieb tat-tagħlim tat-tifel, meta jikber.

Meta ssir il-magħmudija, u l-parrinu u l-qabla jerġgħu lejn id-dar, l-omm tkun qiegħda tistennihom fuq l-għatba tal-bieb, u malli jaslu, tbaxxi rasha quddiemhom għal seba' darbiet u titlobhom maħfra. Imbagħad iġegħluha twiegħed li għandha tieħu ħsieb it-tifel u żżommu fit-twemmin Nisrani sakemm ikollu seba' snin, flimkien mal-parrinu.

Il-parrinu jkun meqjum wisq minnies it-tifel l-imgħammed, u jekk jarawh għaddej, u jkunu bil-qiegħda, għandhom iqumu u jbaxxu rashom quddiemu. Dik inhar tal-magħmudija, sa fil-għaxija, jieklu u jixorbu u jagħmlu għors bis-saħħa tat-tarbija.

P. Ubertinu Berti, O.F.M.

## DAK KIEN ŻMIEN!

In-naħa tax-Xerq ta' Betlehem, ħames mili u erbgħa bgħid minnu hemm raħal żgħir tal-Għarab jismu Ħirbet Ġeħdom. F'dan ir-raħal jidhru fdalijiet ta' Dejr tar-Rħieb Griegi ta' mijiet ta' snin ilu. Il-Franġiskani ħaffru ftit f'dan il-fdal u fost ħwejjeġ oħra sabu ġebla ta' fuq qabar b'kitba bil-Grieg li tgħid hekk: "*Kyrie Iesey Khriste. Eleison ton tapeinon Elias. Kai anapaison ton doulon sey. Meta ton hagion.*" Li tfisser: "Mulej Ġesù Kristu, Ħenn għall-imsejken Elija, U agħti l-mistrieħ lil qaddej tiegħek, fost il-qaddisin!"

Xi kliem ħelu! Xi kliem ħafif u ħiereġ mill-qalb! Dawk kienu Nsara! Sa f'erba' kelmiet ta' fuq qabar jinħass it-twemmin sħiħ li kellhom f'qalbhom. M'hux bħalna ta' daż-żmien, Insara tal-formli u tat-tlablib, u f'qalbna ma għandna xejn jew qisu xej!